# L-Ewwel Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Il-ħolqien ta' Adam u Eva, u d-dnub tagħhom.*

Ġen 2, 7-9; 3, 1-7

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

7 Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu
fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja.

8 U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fl-Għeden, in-naħa tal-Lvant, u
qiegħed hemm il-bniedem li kien sawwar. 9 U l-Mulej Alla nibbet
mill-art is-siġar kollha li jpaxxu l-għajn u bnina għall-ikel; u s-siġra
tal-ħajja f'nofs il-ġnien u s-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin.

3,1 Is-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha,
li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: «Tassew li Alla qalilkom:
"La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien?"» 2 U l-mara wieġbet
lis-serp: «Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma
mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien, 3 Alla qalilna: "La tiklux minnu,
u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu."» 4 U s-serp qal
lill-mara: «Le, żgur ma tmutux. 5 Imma Alla jaf li dak in-nhar li tieklu
minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat, li jafu t-tajjeb u l-ħażin.»

6 U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn,
u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet.
Imbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha, u kiel. 7 U nfetħu
għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għerja, u ħietu weraq tat-tin,
u għamlu iħżma.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 50 (51), 3-4.5-6a.12-13. 14 u 17

R/. (ara 3a): Ħenn għalina Mulej, għaliex dnibna

3 Ikollok ħniena minni, O Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
4 Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi. R/.

5 Għax jien nagħrafhom ħtijieti;
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
6 Kontrik biss jiena dnibt,
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt. R/.

12 Oħloq fija qalb safja, O Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
13 La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

14 Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
17 Iftaħli xufftejja, Sidi,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek. R/.

# Qari II

*Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja.*

Rum 5, 12-19

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [12]kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u
permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha,
għax kollha dinbu.

[13]Kienet għada ma waslitx il-Liġi, id-dnub kien ġa fid-dinja: imma
d-dnub ma kienx magħdud, ladarba Liġi ma kienx hemm.
[14]Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè, imqar fuq
dawk li ma waqgħux fid-dnub li fih kien waqa' Adam,
li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi.

[15]Imma d-don m'huwiex bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija
waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla u d-don
mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed li hu Ġesù Kristu, xterdu
bil-bosta fuq il-kotra. [16]U d-don anqas ma hu bħall-frott ta' dak
il-wieħed li dineb; għax tassew, il-ġudizzju mogħti fuq dnub wieħed,
wassal sal-kundanna, iżda d-don mogħti wara ħafna dnubiet iwassal
għall-ġustifikazzjoni. [17]Għax jekk minħabba fil-ħtija ta' wieħed
waħdu saltnet il-mewt permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar
dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu
fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu Ġesù Kristu.

[18]Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq
il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet
lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja. [19]Għax kif
bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin,
hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

# Qari II

***Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja.***

Rum 5, 12.17-19

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [12]kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u
permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha,
għax kollha dinbu.

[17]Għax jekk minħabba fil-ħtija ta' wieħed waħdu saltnet il-mewt
permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra
tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta'
wieħed li hu Ġesù Kristu.

[18]Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq
il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet
lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja. [19]Għax kif
bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin,
hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 4, 4b

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix,
iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

*Ġesù jsum għal erbgħin jum u jiġġarrab mix-xitan.*

Mt 4,1-11

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, [1]l-Ispirtu ħa lil Ġesù fid-deżert biex ix-xitan iġarrbu.
[2]U Ġesù baqa' sajjem għal erbgħin jum u erbgħin lejl, u fl-aħħar ħadu
l-ġuħ. [3]U resaq it-tentatur u qallu: «Jekk inti Bin Alla, ordna li dan
il-ġebel isir ħobż.» [4]Iżda Ġesù wieġbu: «Hemm miktub: "Il-bniedem
mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm
Alla."»

[5]Imbagħad ix-Xitan ħadu miegħu fil-Belt imqaddsa, qiegħdu fuq
il-quċċata tat-tempju, [6]u qallu: «Jekk inti Bin Alla, inxteħet għal isfel;
għax hemm miktub li: "Lill-anġli tiegħu jordnalhom jieħdu ħsiebek,
u li fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla."»
[7]Qallu Ġesù: «Hemm miktub ukoll: "Iġġarrabx lill-Mulej, Alla
tiegħek."»

[8]Għal darb'oħra x-xitan ħadu miegħu fuq muntanja għolja ħafna,
urieh is-saltniet kollha tad-dinja u l-glorja tagħhom, [9]u qallu: «Dawn
kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani.» [10]Imbagħad qallu
Ġesù: «Itlaq, Xitan! Għax hemm miktub: "Lill-Mulej, Alla tiegħek,
għandek tadura, u lilu biss taqdi."»

[11]Imbagħad ix-Xitan ħallieh. U minnufih ġew xi anġli u kienu
jaqduh.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu